MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 382/2009

**GO plc (22334)**

**vs**

**Robert Cassar (ID 593363M)**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici li precedentemenet kienet topera taht l-isem Maltacom Plc, ghal kundanna tal-konvenut ghas-somma ta' mitejn u sebgha u ghoxrin ewro u tnejn u sebghin centezmi (€227.72) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut inkonnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 21808933 (AT341/79) – (AC100440091) skont dokumenti annessi mat-talba mmarkati Dok 'A', 'B' u 'C'.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u l-imghaxijiet u li l-konvenut huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Keith Grech fit-28 ta' Gunju, 2009 u l-fatt li l- konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------